SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

25 ta’ Ottubru 2012*

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Trasport — Żvilupp ta’ linji tal-ferrovija Komunitarji — Direttiva 91/440/KEE — Artikolu 5(3) — Impriżi ta’ trasport ferrovjarju — Indipendenza amministrattiva — Deċiżjonijiet dwar il-persunal, l-assi u x-xiri proprji — Artikolu 7(3) — Għoti ta’ finanzjament lill-amministratur tal-infrastruttura — Direttiva 2001/14/KE — Artikolu 6(1) — Bilanċ fil-kontijiet — Kundizzjonijiet xierqa — Traspożizzjoni inkompleta”

Fil-Kawża C-557/10,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fis-26 ta’ Novembru 2010,

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn H. Støvlbæk u M. França, bħala aġenti, b’indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

**Ir-Repubblika Portugiża**, irrappreżentata minn L. Inez Fernandes u A. Pereira de Miranda, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, A. Borg Barthet (Relatur), E. Levits, J.-J. Kasel u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-6 ta’ Settembru 2012,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

## Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata li, billi tissuġġetta kull deċiżjoni individwali ta' akkwist jew ta' trasferiment ta' ishma fil-kumpanniji mill-impriża pubblika ta' trasport ferrovjarju CP Comboios de Portugal EPE. (iktar 'il quddiem "CP") għal approvazzjoni tal-gvern u billi ma adottatx il-miżuri nazzjonali neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-obbligu li tiddefinixxi l-kundizzjonijiet xierqa sabiex jiġi ggarantit li l-kontijiet tal-amministrattur tal-infrastruttura, ir-Rede Ferroviária Nacional - REFER EP (netwerk ferrovjarju nazzjonali, iktar 'il quddiem ir-"REFER"), ikunu bbilanċjati, ir-Repubbliku Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt, minn naħa, l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 91/440/KEE tal-Kunsill, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p.. 341), kif emendata bid-Direttiva 2001/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 376, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 91/440"), u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 91/440 kif ukoll tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2011/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 404), kif emendata fl-aħħar lok bid-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 (ĠU L 315, p. 44, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2001/14").

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

2 Skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 91/440:

"Għall-fini ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

— 'impriża tal-ferrovija' se tfisser kull impriża privata jew pubblika li n-negozju ewlieni tagħha hu li tagħti servizz ta' trasport għall-merkanzija u/jew passiġġieri bil-kondizzjoni li l-impriża trid tiżgura li ġġorrhom,

– [...]"

3 L-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, li tinsab fit-Taqsima II tagħha, bit-titolu "Tmexxija indipendenti ta' l-impriżi tal-ferroviji", jipprovdi li:

– "L-Istati Membri jridu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fejn tidħol it-tmexxija, l-amminstrazzjoni u l-kontroll intern, l-affarijiet ekonomiċi u ta' rendikonti l-impriżi tal-ferroviji għandhom status indipendenti li jridu jikkonformaw miegħu, b'mod partikolari, l-assi, l-estimi tal-baġit u r-rendikonti li huma differenti minn dawk ta' l-Istat."

4 L-Artikolu 5(3) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Fil-kuntest tal-linji-gwidi tal-politika ġenerali stabbilita mill-Istat u meta jitqiesu l-pjanijiet ta' rendikont nazzjonali u l-kuntratti (li jistgħu jkunu multiannwali) inkluż il-pjanijiet ta' investiment u ta' finanzjar, l-impriżi tal-ferroviji għandhom, ikunu ħielsa biex:

[...]

— jieħdu deċiżjonijiet dwar l-impjegati, l-assi u l-ksib tagħhom;

[...]"

5 L-Artikolu 7(3) tal-istess direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu lill-amministratur ta' l-infrastruttura, fuq il-premessi dovuti ta' l-Artikoli 73, 87 u 88 tat-Trattat, l-iffinanzjar li jaqbel mal-ħidmiet, daqs u ħtiġijiet finanzjarji, b'mod partikulari sabiex ikopru investimenti ġodda."

6 Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/14:

"L-Istati Membri għandhom jistabilixxu kundizzjonijiet [xierqa], inlużi meta approprjat ħlasijiet bil-quddiem, biex jaċċertaw li, taħt kundizzjonijiet normali tal-kummerċ u f' terminu raġonevoli, il-kontijiet ta' amministratur ta' l-infrastruttura għandhom għall-inqas jibbilanċjaw dħul minn piżijiet ta' l-infrastruttura, iż-żejjed minn attivitajiet kummerċjali oħrajn u fondi mill-Istat fuq naħa waħda, u spejjeż infrastrutturali oħrajn fuq l-oħra.

Bla ħsara għall-iskop possibbli fit-tul ta' koperta ta' l-utent ta' l-ispejjeż infrastrutturali għall-modi kollha tat-trasport abbażi ta' kompetizzjoni ġusta, kompetizzjoni non-diskriminatorja bejn il-modi varji, meta t-trasport bil-ferrovija jista' jikkompeti ma' modi oħrajn tat-trasport, fil-qafas tat-tarifffi ta' l-Artikoli 7 u 8, Stat Membru jista' jeħtieġ lill-amministratur ta' l-infrastruttura jibbilanċja l-kontijiet tiegħu mingħar fondi ta' l-Istat."

*Id-dritt Portugiż*

7 Id-Digriet Liġi Nru 104/97, tad-29 ta' April 1997 (*Diário da República* I, Serje A, Nru 99 tad-29 ta' April 1997), joħloq ir-REFER. L-istatuti tiegħu huma ppubblikati fl-Anness I ta' dan id-digriet liġi.

8 L-Artikolu 12(2) tal-imsemmi digriet liġi jiddetermina, skont it-titolu tiegħu, l-għan u l-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija statuti kif ġej:

"Il-gvern għandu jissorvelja l-iżvilupp futur tal-impriża sabiex jiżgura ż-żamma tal-bilanċ ekonomiku u finanzjarju u l-ħlas tad-djun meħuda għall-kostruzzjoni, l-installazzjoni u r-rinovazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja, skont modalitajiet li ma jikkawżawx preġudizzju għas-segwitu ta' politiki ta' modernizzazzjoni ferrovjarju xierqa."

9 Id-Digriet Liġi Nru 270/2003, tat-28 ta' Ottubru 2003 (*Diário da República* I, Serje A, Nru 250 tat-28 ta' Ottubru 2003), jiddefinixxi l-kundizzjonijiet tal-provvista ta' servizzi ta' trasport bil-ferrovija u tal-amministrazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja. Dan id-digriet liġi jirregola b'mod partikolari l-bilanċ tal-kontijiet tal-amministrattur tal-infrastruttura skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 63 tiegħu li jipprovdi li:

"1. Il-kontijiet tal-amministratur tal-infrastruttura għandhom jiżguraw bilanċ bejn:

a) id-dħul minn tariffi għall-użu tal-infrastruttura, l-eċċessi minn attivitajiet kummerċjali oħrajn, u l-finanzjament mill-Istat, skont il-każ taħt il-forma ta' pagamenti *ex ante*, minn naħa u

b) l-ispejjeż tas-servizz pubbliku ta' amministrazzjoni u ta' manutenzjoni tal-infrastruttura, min-naħa l-oħra.

2. Mingħajr preġudizzju għall-eventwali għan fuq medda ta' żmien twil li jiġu koperti b'mod progressiv mill-utent l-ispejjeż tal-infrastruttura, għall-modi kollha ta' trasport fuq il-bażi ta' kompetizzjoni intermodali ekwa u nondiskriminatorja, l-amministrattur tal-infrastruttura huwa obbligat li jikseb

il-bilanċ imsemmi fil-paragrafu 1 mingħajr ma jirrikorri għal finanzjament mill-Istat, filwaqt li tiġi rrispettata l-istruttura tal-impożizzjoni ta' tariffi prevista f'dan il-kapitolu, jekk it-trasport ferrovjarju jkun jista' jikkompeti ma' modi oħra ta' trasport, b'mod partikolari meta jkun jeżisti livell ekwivalenti ta' internalizzazzjoni tal-ispejjeż ambjentali fil-modi l-oħrajn ta' trasport.

3. Għall-finijiet tal-bilanċ imsemmi fil-paragrafu 1 u sabiex jiġi evalwat il-bżonn eventwali ta' kumpens imħallas mill-Istat lis-servizz pubbliku għall-amministrazzjoni tal-infrastruttura, għandu jiġi adottat metodu ta' tnaqqis li juri, b'mod trasparenti, li l-ispejjeż inkorsi mill-attività ta' amministrazzjoni, ta' manutenzjoni u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-infrastruttura biss huma meħuda inkunsiderazzjoni.

[...]

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b) ta' dan l-artikolu, l-ispejjeż finanzjarji u straordinarji ma jitqisux bħala spejjeż tas-servizz pubbliku tal-amministrazzjoni tal-infrastruttura.

8. L-ispejjeż straordinarji li jirriżultaw minn diżastri naturali għandhom jiġu kkumpensati mill-Istat."

10 Id-Digriet Liġi Nru 300/2007, tat-23 ta' Awwissu 2007 (*Diário da República 1a*, Serje A, Nru 162, tat-23 ta' Awwissu 2007), emenda l-iskema applikabbli għas-settur kompettiv ta' Stat u għall-impriżi pubbliċi fil-Portugall.

11 L-Artikolu 10 ta' dan id-digriet liġi jipprovdi li:

"1. Id-drittijiet tal-Istat bħala azzjonist huma eżerċitati mid-Direttorat Ġenerali tat-Teżorier u tal-Finanzi taħt id-direzzjoni tal-Ministru tal-Finanzi, li jista' jagħti delega, filwaqt li jiġu osservati l-linji gwida pprovduti fl-artikolu li ġej, u wara ftehim minn qabel, b'deċiżjoni konġunta mal-ministri responsabbli tas-settur.

[...]

3. Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafi preċedenti jistgħu jiġu eżerċitati indirettament, permezz ta' kumpanniji b'kapital azzjonarju esklużivament pubbliċi.".

12 L-Artikolu 37(1) tal-imsemmi digriet liġi jispeċifika, għal dak li jikkonċerna l-kostituzzjoni ta' kumpanniji u l-akkwist jew it-trasferiment ta' ishma b'kapital azzjonarju, li:

"[I]t-teħid ta' ishma mill-Istat jew minn korpi oħrajn tal-Istat u minn impriżi pubbliċi fl-okkażjoni tal-kostituzzjoni ta' kumpanniji u tal-akkwist jew it-trasferiment ta' ishma b'kapital azzjonajru għandhom ikunu awtorizzati mill-Ministru tal-Finanzi u mill-Ministru responsabbli għas-settur [...].

[...]"

13 Id-Digriet Liġi Nru 137-A/2009, tat-12 ta' Ġunju 2009 (*Diário da República* I, Nru 112, suppliment tat-12 ta' Ġunju 2009, jiddetermina l-għan korporattiv u s-sistema legali applikabbli applikabbli għaċ-CP. Dan id-digriet liġi jirrigwarda wkoll, fl-Anness 1 tiegħu, l-istatuti li jirregolaw l-imsemmija impriża.

14 L-Artikolu 2 tal-imemmi digriet-liġi huwa redatt f'dawn it-termini:

"Natura legali

[Iċ-CP] hija impriża tas-settur pubbliku kompetittiv, li għandha personalità ġuridika, awtonomija amministrattiva u finanzjarja u l-patrimonju tagħha stess, suġġetta għat-tutela u għas-superviżjoni tal-membri tal-gvern responsabbli għall-finanzi u għat-trasport."

15 L-Artikolu 1(1) tal-istatuti taċ-CP, bit-titolu "Denominazzjoni u sede" jipprovdi li:

"1. [Ic-CP] hija impriża tas-settur pubbliku kompetittiv, li għandha personalità ġuridika, awtonomija amministrattiva u finanzjarja u l-patrimonju tagħha stess li għandha kapaċità ġuridika li tkopri d-drittijiet u l-obbligi kollha neċessarji jew xierqa biex issegwi l-għan tagħha"

16 L-għan korporattiv taċ-CP huwa ddefinit fl-Artikolu 2 ta' dawn l-istatuti. Skont din id-dispożizzjoni:

"1. L-għan prinċipali ta' [ic-CP] huwa l-provvista ta' servizzi ta' trasport ferrovjarju għall-passiġġieri u għall-merkanzija fuq linji tal-ferrovija, partijiet ta' binarji u fergħat li jikkostitwixxu jew ser jikkostitwixxu n-netwerk ferrovjarju nazzjonali.

[...]

3. Fuq bażi supplimentari, [iċ-CP] tista' wkoll teżerċita l-attivitajiet segwenti [...]

4. Fl-eżerċizzju tal-għan korporattiv ddefinit fil-punt preċedenti, [iċ-CP] tista':

a) tikkostitwixxi kumpanniji u tikseb ishma b'kapital azzjonarju skont il-liġi;

[...]"

17 Skont l-Artikolu 9 tal-imsemmija statuti, iċ-CP għandha l-kompetenzi li ġejjin:

"1. Il-Bord tad-Diretturi jeżerċita s-setgħat kollha ta' ġestjoni u ta' amministrazzjoni b'mod konformi mal-liġi u mal-istatuti.

2. B'mod partikolari huwa fil-kompetenza tal-Bord tad-Diretturi:

[...]

1) li jiddelibera dwar il-kostituzzjoni ta' kumpanniji u l-akkwist jew it-trasferiment ta' ishma b'kapital azzjonarju, skont il-liġi;

[...]"

18 L-Artikolu 21 li jifforma parti mill-Kapitolu IV, bit-titolu "Tutela", ta' dawn l-istess statuti. Dan l-artikolu jipprovdi, taħt it-titolu "Linji gwida għal ġestjoni":

1. Il-gvern jiddefinixxi l-għanijiet ġenerali li [iċ-CP] għandha ssegwi, filwaqt li tiġi żgurata l-kompatibbiltà tagħhom mal-politiki globali u settorjali ddefiniti mil-leġiżlazzjoni.2. Il-gvern isegwi l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tal-impriża sabiex jiżgura livell adegwat ta' sodisfazzjoni tal-bżonnijiet kollettivi, sabiex jiġi ssalvagwardat l-ekwilibriju ekonomiku u finanzjarju tagħha u sabiex tiġi ggarantita l-implimentazzjoni tal-politiki adattati tal-immodernizzar tat-trasport ferrovjarju."

**Il-proċedura prekontenzjuża**

19 Fl-ittra ta' intimazzjoni tagħha tas-26 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet Portugiżi fuq il-fatt li hija kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tittrasponi b'mod partikolari d-Direttivi 91/440 u 2001/14, mad-dritt tal-Unjoni. L-awtoritajiet Portugiżi rrispondew għall-ittra ta' intimazzjoni billi ppreżentaw informazzjoni u argumenti dwar l-osservanza, mil-leġiżlatur Portugiż, ta' dawn id-direttivi.

20 B'ittra tad-9 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni indirizzat, lill-awtoritajiet Portugiżi, opinjoni motivata li fiha hija qieset b'mod partikolari li r-Repubblika Portugiża, kienet naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 5(3) u 7(3) tad-Direttiva 91/440 u tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/14.

21 B'ittra tal-14 ta' Diċembru 2009, l-awtoritajiet Portugiżi rrispondew għal din l-opinjoni motivata u pprovdew diversi kjarifiki.

22 Peress li l-Kummissjoni ma kinitx sodisfatta bir-risposta tal-awtoritajiet Portugiżi, iddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

## Fuq ir-rikors

*Fuq it-talba għas-sospensjoni tal-proċeduri*

23 Il-Gvern Portugiż ressaq, prinċipalment, argumenti intiżi sabiex jikkontestaw l-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u talab lill-Qorti tal-Ġustizzja, sussidjarjament, sabiex tissospendi l-proċeduri quddiemha sal-31 ta' Diċembru 2011, data li fiha kellhom jidħlu fis-seħħ il-miżuri leġiżlattivi u kuntrattwali li, skont dan l-Istat Membru, isaħħu l-indipendenza tal-amministrazzjoni ta' impriżi ta' trasport ferrovjarju fir-rigward tal-Istat u jemendaw l-iskema ta' tariffi tal-infrastruttura ferrovjarja.

24 Għandu jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata skont is-sitwazzjoni tal-Istat Membru kif tippreżenta ruħha fl-iskadenza tat-terminu ffissat fl-opinjoni motivata u li l-bidliet li jsiru sussegwentement ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs Franza, C-9/07, punt 8, u tat-18 ta' Novembru 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-48/10).

25 L-argumenti mressqa mill-Gvern Portugiż għandhom għalhekk jiġu eżaminati skont is-sitwazzjoni tal-Istat Membru fl-iskadenza tat-terminu ffissat fl-opinjoni motivata u għandhom jiġu esklużi sa fejn jirrigwardaw l-iżvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

26 Konsegwentement, it-talba għas-sospensjoni tal-proċeduri għandha tiġi miċħuda.

*Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 91/440*

L-argumenti tal-partijiet

27 Il-Kummissjoni ssostni li l-leġiżlazzjoni Portugiża li tissuġġetta ċ-CP għat-tutela u għas-superviżjoni tal-membri tal-gvern tmur kontra l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 91/440.

28 Din l-istituzzjoni tibbaża ruħha b'mod partikolari fuq il-fatt li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-Istat Portugiż jissuġġetta kull deċiżjoni individwali ta' akkwist jew ta' trasferiment ta' ishma b'kapital azzjonarju ta' kumpanniji miċ-CP għal approvazzjoni tal-gvern.

29 Ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel tal-gvern sabiex jiġu pprattikati ċerti tipi ta' atti ma jippermettix li l-impriżi ta' trasport ferrovjarju jitqiesu bħala indipendenti jew bħala li jgawdu minn status awtonomu fir-rigward tal-Istat u l-libertà li jamministraw l-attitivajiet tagħhom, skont ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni.

30 Fil-fatt, mill-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 91/440 jirriżulta b'mod ċar li l-Istat ma għandux jeżerċita influwenza fuq id-deċiżjonijiet individwali ta' trasferiment jew ta' akkwist ta' assi. Minkejja li dan l-istess artikolu jispeċifika li tali deċiżjonijiet għandhom jittieħdu fil-kuntest tal-linji gwida ta' politika ġenerali stabbiliti mill-Istat, dawn il-linji gwida jistgħu jiddefinixxu biss il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-deċiżjonijiet.

31 Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-intervent tal-gvern fil-ġestjoni taċ-CP imur lil hinn mis-sempliċi eżerċizzju tad-drittijiet ta' azzjonist minħabba l-fatt li l-Istat azzjonist jinterveni permezz tal-kontroll eżercitat mill-Ministri tal-Finanzi u tat-Trasport, abbażi ta' korp distint ta' regoli applikabbli għas-settur pubbliku kollu.

32 Il-Gvern Portugiż jikkontesta l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni. Huwa jsostni li r-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni ministerjali għall-finijiet tal-akkwist jew tat-trasferiment ta' ishma b'kapital azzjonarju japplika għal kull tip ta' impriżi pubbliċi. Tali rekwiżit huwa marbut mar-rwol tal-Istat bħala azzjonist. Il-Gvern Portugiż iżied li d-deliberazzjoni li tikkonċerna x-xiri jew il-bejgħ ta' ishma ssir fi ħdan korpi tal-kumpannija, b'tali mod li l-awtonomija ta' ġestjoni tal-impriżi tal-ferroviji tiġi żgurata skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 91/440.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

33 Għandu jiġi kkonstatat, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 28 tal-konklużjonijiet tiegħu, li d-Direttivi 91/440 u 2001/14 ma jimponux il-privatizzazzjoni tal-ferroviji. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 91/440 jiddefinixxi "l-impriża tal-ferrovija" bħala "kull impriża privata jew pubblika". Konsegwentement, l-operatur storiku tas-settur ferrovjajru jista' jibqa' pubbliku.

34 Barra minn hekk, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 91/440, li jinsab fit-Taqsima II tagħha, bit-titolu "Tmexxija indipendenti ta' l-impriżi tal-ferroviji", jipprovdi li l-impriżi tal-ferroviji "għandhom status indipendenti li jridu jikkonformaw miegħu, b'mod partikolari, l-assi, l-estimi tal-baġit u r-rendikonti li huma differenti minn dawk ta' l-Istat".

35 Essenzjalment, il-Kummissjoni tikkritika lir-Repubblika Portugiża bil-fatt li s-sistema tagħha tissuġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel tal-Ministru tat-Trasport kull xiri jew trasferiment ta' ishma miċ-CP, li din tal-aħħar għandha status kompletament pubbiku, kif jirriżulta mill-Artikolu 37(1) tad-Digriet Liġi Nru 300/2007. Minħabba din l-awtorizzazzjoni minn qabel meħtieġa mill-impriżi ta' trasport ferrovjarju sabiex jipproċedu għal ċerti atti, dawn tal-aħħar la jistgħu jitqiesu bħala indipendenti u lanqas bħala awtonomi fir-rigward tal-Istat, b'tali mod li ma humiex liberi li jamministraw l-attivitajiet tagħhom stess.

36 Il-Kummissjoni tqis li mill-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 91/440 jirriżulta b'mod ċar li l-Istat ma għandux jeżerċita influwenza fuq id-deċiżjonijiet individwali ta' trasferiment jew ta' akkwist ta' assi. Fil-fatt, l-imsemmija dispożizzjoni tipprovdi li l-impriżi huma b'mod partikolari liberi li jieħdu deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-persunal, l-assi u x-xiri tagħhom stess.

37 F'dan ir-rigward, it-tielet premessa tad-Direttiva 91/440, kif ukoll il-premessa 8 tad-Direttiva 2001/12 li temenda d-Direttiva 91/440 jistabbilixxu l-ħtieġa li jiġi ggarantit, għall-impriżi ta' trasport ferrovjarju, status indipendenti mill-Istat u l-libertà li jammistraw l-attivitajiet tagħhom stess.

38 Kif l-Avukat Ġenerali enfasizza fil-punt 33 tal-konklużjonijiet tiegħu, jekk huwa veru li l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva jippermetti lill-Istati Membri li jistabbilixxu linji gwida ta' politika ġenerali, xorta jibqa' l-fatt li, bil-għan li jintlaħaq l-għan ta' amministrazzjoni indipendenti tal-impriżi ta' trasport ferrovjarju, l-Istat ma għandux jeżerċita influwenza fuq id-deċiżjonijiet individwali tagħhom li jikkonċernaw it-trasferiment jew l-akkwist ta' assi

39 Barra minn hekk, billi tissuġġetta kull deċiżjoni individwali ta' akkwist jew ta' trasferiment ta' ishma fil-kumpanniji għal approvazzjoni tal-gvern, il-leġiżlazzjoni Portuġiża ssuġġettat liċ-CP għal kontroll estern ta' natura politika li b'ebda mod ma jikkorrispondi għall-modalitajiet u lanqas għall-mezzi ta' azzjoni jew ta' kontroll disponibbli għall-azzjonisti ta' kumpannija b'ishma ta' dritt privat.

40 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li l-Istat Portugiż żamm rwol determinanti fil-proċeduri deċiżjonali interni tal-impriżi tal-ferroviji li ma huwiex kompatibbli mal-libertà rikonoxxuta lill-impriża ta' trasport ferrovjarju li tieħdu deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-assi li hija tamministra

41 Barra minn hekk, jekk huwa veru li r-Repubblika Portuġiża ħassret, skont proposta ta' liġi li għadha ma ġietx adottata fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motiva, il-kundizzjoni tal-awtorizzazzjoni minn qabel, għandu jitfakkar li skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 24 ta' din is-sentenza l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata skont is-sitwazzjoni tal-Istat Membru kif tirriżulta fit-tmien tat-terminu ffissat fl-opinjoni motivata u l-bidliet magħmula warajha ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

42 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel ilment tal-Kummissjoni għandu jiġi kkunsidrat bħala fondat.

*Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 91/440 u tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/14*

L-argumenti tal-partijiet

43 Il-Kummissjoni tfakkar li l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 91/440 u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/14 jimponu fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet xierqa sabiex jiġi ggarantit li l-kontijiet tal-amministratur tal-infrastruttura jkunu bbilanċjati. Hija tqis li, fil-Portugall, id-dħul mit-tariffi għall-użu tal-infrastruttura, il-finanzjament mill-Istati u l-bilanċi pożittivi minn attivitajiet kummerċjali oħrajn ma humiex biżżejjed sabiex jibbilanċjaw il-kontijiet tal-amminstratur tal-infrastruttura, ir-REFER.

44 Il-Kummissjoni tafferma li, minkejja d-dispożizzjonijiet legali nazzjonali li jimponu lill-Istat Portugiż l-obbligu li jsegwi l-iżvilupp tal-impriża tal-impriża li tamministra l-infrastruttura bil-għan li jiġi ssalvagwardat il-bilanċ ekonomiku u finanzjarju tagħha kif ukoll l-obbligu li jsegwi l-iżvilupp tal-qagħda finanzjarja tal-amministratur tal-infrastruttura, il-qagħda ta' żbilanċ finanzjarju tal-amministratur tal-infrastruttura ma żviluppatx b'mod favorevoli.

45 Il-Gvern Portugiż jikkonferma li impenja ruħu sabiex jistabbilixxi mar-REFER, abbażi ta' kuntratti multiannwali, livelli ta' servizz pubbliku fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-infrastruttura u sabiex jiddetermina l-kumpens finanzjarju korrispondenti. B'hekk ikun possibbli li jintlaħaq bilanċ fil-kontijiet tar-REFER li jiddefinixxi ċerti livelli partikolari ta' kwalità operazzjonali u teknika, filwaqt li s-setgħat pubbliċi jimpenjaw ruħhom sabiex jattribwixxu ammonti kompatibbli mal-volum ta' investiment meħtieġ u man-natura tas-servizz pubbliku.

46 Il-Gvern Portugiż jirrileva li l-għoti ta' kuntratti li jirrigwardaw is-servizzi pubbliċi maċ-CP u r-REFER huwa previst, fid-dawl, l-ewwel nett, tad-definizzjoni ċara tal-obbligi ta' servizz pubbliku, it-tieni nett, tan-neċessità li jiġu ssemplifikati jew imnaqqsa l-ispejjeż tal-operat u, it-tielet nett, tal-konverġenza neċessarja, gradwali u progressiva, tas-servizz pubbliku inkwistjoni u tal-kumpens finanzjarju pubbliku relatat.

47 Fl-aħħar nett, il-Gvern Portugiż isostni li nieda proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi intiżi, minn naħa, sabiex isaħħu l-indipendenza tal-amministrazzjoni tal-impriża ferrovjarja fir-rigward tal-Istat u, min-naħa l-oħra, sabiex jippromwovu l-bilanċ tal-kontijiet tal-amministratur tal-infrastruttura billi jiġu adottati l-miżuri xierqa, b'mod partikolari billi tiġi emendata s-sistema ta'

impożizzjoni ta' tariffi tal-infrastruttura ferrovjarja u billi jiġu ffissati permezz ta' kuntratt mar-REFER id-drittijiet u l-obbligi li jirrigwardaw il-kostruzzjoni, il-manutenzjoni u l-finanzjament tal-infrastruttura.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

48 Hemm lok li jiġi kkonstatat li r-Repubblika Portugiża ma tikkontestax li, fl-iskadenza tat-terminu ffissat fl-opinjoni motiviata, hija ma adottatx il-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-obbligi msemmija fl-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 91/440 u fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/14 li jimponu fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet xierqa sabiex jiġi ggarantit li l-kontijiet tal-amministrattur tal-infrastruttura jkunu bbilanċjati.

49 Kif diġà ntqal fil-punti 24 u 25 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina l-fatti fid-dawl tas-sitwazzjoni eżistenti fl-iskadenza tat-terminu ffissat fl-opinjoni motivata.

50 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni lment tal-Kummissjoni għandu jitqies bħala fondat.

**Fuq l-ispejjeż**

51 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tħallas l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Repubblika Portugiża tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Billi tissuġġetta kull deċiżjoni individwali ta' akkwist jew ta' trasferiment ta' ishma fil-kumpanniji mill-impriża pubblika ta' trasport ferrovjarju CP Comboios de Portugal EPE għal approvazzjoni tal-gvern u billi ma adottatx il-miżuri nazzjonali neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-obbligu li tiddefinixxi l-kundizzjonijiet xierqa sabiex jiġi ggarantit li l-kontijiet tal-amministrattur tal-infrastruttura, ir-Rede Ferroviária Nacional - REFER EP ikunu bbilanċjati, ir-Repubbliku Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt, minn naħa, l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità, kif emendata bid-Direttiva 2001/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 91/440, kif emendata bid-Direttiva 2001/12, u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2011/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà kif emendata bid-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2007.**

2) **Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem